MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-7 ta' April, 2014

Rikors Numru. 1137/2012

Kummissarju **tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**

**Vs**

**Emanuel sive Noel Palmier f'ismu personali u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta PFB Company Limited**

Permezz ta' rikors prezentat fis-16 ta' Novembru 2012 ir-rikorrenti Palmier u PFP Company Limited talbu lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li ma hemm l-ebda avviz li jissodisfa l-kweziti tal-Artikolu 59(1) tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, li jista' jikkostitwixxi titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti;

2. Tiddikjara null u bla effett fl-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru 2012 kemm fil-konfront tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti ppremettew li:

*Huma gew notifikati bl-ittra ufficjali fuq imsemmija li permezz taghha l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud interpellahom ai termini tal-Artikolu 59 tal-Att XXIII tal-1998 sabiex fi zmien jumejn min-notifika tal-istess att ihallsu s-somma ta` €257,330.07 rapprezentanti ammont li skont l-istess Kummissarju huwa dovut minnhom mill-esponenti personalment kif ukoll mil-kumpanija bhala taxxa fuq il-valur mizjud skont l-istess att.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax skont il-ligi minn meta l-ammont de quo kien dovut sad-data ta` pagament effettiv.*

*L-istess Kummissarju ddikjara illi dik l-interpellanza qed issir ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u partikolarment, imma mhux esklussivament, sabiex trendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kontra l-esponenti permezz ta` avviz li huwa jiddikjara li jigi notifikat lilhom.*

*Illi l-esponenti jsostnu illi qatt ma gew notifikati bl-Avviz indikat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud cjoe Avviz taht id-disposizzjonijiet tal-Art 59 (1) tal-Kap 504 u ghalhekk m'hemm l-ebda titolu ezekuttiv li qed jintalab li jigi rez ezegwibbli fil-konfront taghhom - la kontra Emanuel sive Noel Palmier personalment u lanqas kontra s-socjeta` PFP Company Limited.*

*Illi l-esponenti ssottometta r-returns tieghu tal-VAT u skont ir-returns minnhu sottomessi jirrizulta illi fil-fatt l-ebda VAT, penalijiet jew interessi m'huma dovuta u apparti dan, miis-sena 2007 l-kumpanija fuq imsemmija ma baqghetx topera.*

*Illi r-rikorrenti Emanuel sive Noel Palmier m'ghandux pussess ta' xi assi tas-socjeta PFB Company Limited.*

L-intimat wiegeb (fol. 12) li:

1. Ghandu titolu ezekuttiv skond l-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.
2. Ir-rikorrenti gew notifikati b'demand notices datati 19 ta' Settembru 2012 li nhargu skond l-Artikolu 59(2) tal-Kap. 406. Dawn gew notifikati fis-27 ta' Settembru 2012.
3. Ghalkemm PFB Co Limited kienet registrata bhala persuni ezenti, kien hemm abbuz ghaliex Palmier inqabad kemm-il darba johrog ricevuti mhux fiskali jew ma johrogx ricevuti. Fil-fatt id-Dipartiment kien ukoll irrefera dan il-kaz lit-Tax Compliance Unit.
4. Il-Kummissarju tal-VAT hareg stima ai termini tal-Artikolu 33(2) tal-Kap. 406 li jipprovdi: *"Meta persuna li ma tkunx registrata taht l-Artikolu 10 u li jkollha l-obbligu li thallas it-taxxa taht dan l-Att ma thallasx it-taxxa fil-limitu ta' zmien*

*moghti skond dan l-Att ghall-imsemmi hlas, il-Kummissarju jista' jaghmel stima tat-taxxa li ghandha tithallas minn dik il-persuna.".*

5. Permezz ta' ittra r-rikorrenti gew avzati li jekk mhumiex jaqblu mal-istima, kellhom dritt ta' appell fi zmien 30 gurnata. Pero l-istima ma gietx kontestata.
6. F'dan l-istadju t-titolu ezekuttiv ma jistax jigi kkontestat. Ghalhekk din il-qorti ma tistax tirrevedi l-ammonti mitluba.
7. L-ittri tad-19 ta' Settembru 2012 huma fihom infushom talba ghall-hlas tat-taxxa kalkolata fuq stima tal-Kummissarju tal-VAT. Huma wkoll titolu ezekuttiv.
8. L-istimi gew impustati fl-indirizz postali ta' Palmier, u dan minn zewg spetturi tad-Dipartiment.
9. Intbaghat ukoll ledger statement, li saret riferenza ghalih f'ittra li ntbaghatet minn agent tar-rikorrent.
10. Palmier huwa direttur tal-kumpannija u ghalhekk hu responsabbli in solidum (Artikolu 66 tal-Kap. 406).

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti.

Il-hlas li jippretendi d-Dipartiment tal-VAT hu ghas-snin 2004 sal-2007. Jirrizulta li l-kumpannija rikorrenti kienet ghamlet dikjarazzjoni li ssir minn persuni ezenti minn VAT, ghas-snin 2005, 2006 u 2007 (fol. 6-8). F'dik tas-sena 2007 iddikjarat li ma kenitx ghadha qeghda topera.

Permezz ta' nota prezentata fl-4 ta' Marzu 2013 (fol. 42), ir-rikorrenti ddikjaraw li r-rikors sar skond l-Artikolu 59 tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud:

*"59(1) Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu ikun xiehda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-ghanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.*

*(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-hlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba ghall-hlas tkun giet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titoluz ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba ghall-hlas li ssir permezz ta' att gudizzjarju…….".*

Mill-atti rrizulta li:-

- L-intimat baghat ittra datata 17 ta' Dicembru 2010 (fol. 24) lil PFB Co Ltd fejn gharrafha li hareg stima a bazi tal-Artikolu 33(2) tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-

Valur Mizjud. Fl-ittra jinghad: *"If you feel aggrieved by these assessments, you may appeal to the Value Added Tax Appeals Board, in terms of Section 43 of the same Act within thirty (30) days of the date upon which this notice of assessments has been served."* (fol. 24). Fl-ittra jinghad li l-assessments kienu annessi mal-ittra, kopja ta' liema huma esebiti a fol. 26-29. Jidher li l-ittra thalliet fl-indirizz Blokk D/7, The Grables, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Bahar, minn ufficjali tad-Dipartiment (ara dokument NP6 a fol. 25 fejn jinghad 'Letter was posted as instructed by Mr Albert Galea at: The Grables, Blk D Flt 7, Triq Piscopo Macedonia San Pawl il-Bahar). Jidher ukoll li mal-ittra ntbaghatet Dikjarazzjoni tal-kont tal-persuna registratat, cjoe' PFB Company Limited (fol. 31).

- Matul dak iz-zmien ma jirrizultax li l-kumpannija rikorrenti ressqet appell mill-istima tal-Kummissarju tal-VAT. Pero' f'ittra datata 14 ta' Frar 2011 mibghuta minn M & A Chircop ghan-nom ta' Emanuel Palimer lid-Dipartiment (fol. 30), inghad li kien qieghed joggezzjona ghal Ledger Statement li kien intbaghatlu fejn tissemma s-somma ta' €235,692 bhala hlas dovut lid-Dipartiment. Fl-ittra jinghad *"In December 2006 the Company stopped operating but our client still continued filling in the yearly Vat Returns – all NIL – and remarked that the Company had stoped trading. Still the department issued a charge plus interest and penalties for Eur 10,979.87 for 2007."*.
- L-intimat baghat ittri lil Emanuel Palmier u PFB Company Limited, datata 19 ta' Settembru 2012 (fol. 17), fejn talab il-hlas ta' €256,299.70 Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, Penali u Interessi ghall-perjodu l-1 ta' April 2004 sal-31 ta' Dicembru 2007. Jirrizulta li dawn l-ittri ma gewx notifikati lid-destinatarji (ara nota tal-intimat tal-15 ta' Frar 2013 a fol. 39), u dan kuntrarjament ghal dak dikjarat fit-twegiba tal-intimat.
- Permezz ta' ittra ufficjali prezentata fit-2 ta' Novembru 2012 l-intimat sejjah lir-rikorrenti jhallsu s-somma ta' €257,330.07 ammont dovut bhala Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (fol. 4).

Jirrizulta li l-kumpannija rikorrenti ghandha direttur wiehed biss, li hu Emanuel sive Noel Palmier (fol. 23). Qabel gie pprezentat ir-rikors promotur l-uniku avviz li gie notifikat kien kontra PFB Company Limited. Dan hu 'd-Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Registrata', datat 16 ta' Dicembru 2010 (fol. 31). Fih jinghad ukoll: *"This statement is to be considered as a demand note for payment in terms of the provisions of article 59 of the 1998 VAT Act."*. M'hemmx dubju li din id-dikjarazzjoni giet notifikata, tant li ntbaghatet ittra lid-Dipartiment, datata 14 ta' Frar 2011, fejn gie mitlub jaghti spjega kif wasal ghac-cifri li jissemmew fl-imsemmi dokument. Mary Louise Borg, ufficjal tad-Dipartiment, xehedet: *"Nikkonferma li l-ledger statement mhux indirizzat lil Noel Palmier."* (fol. 62). Hu ghalhekk evidenti li sad-data tal-prezentata tar-rikors promotur, Emanuel sive Noel Palmier qatt ma gie notifikat b'avviz ta' talba ghall-hlas. L-avviz inhareg f'isem PFB Company Limited u mhux

Emanuel Palmier. M'ghandux ikun li persuna tigi sorpriza u d-Dipartiment jargumenta fis-sens li gialadarba Palmier huwa l-uniku direttur, allura n-notfika tat-talba lill-kumpannija sservi wkoll bhala notifika lilu ghal finijiet tal-Artikolu 59 tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. Tant id-Dipartiment jaf li dan m'huwiex hekk li fid-19 ta' Settembru 2012 hareg zewg ittri, wahda f'isem Emanuel Palmier (fol. 17) u l-ohra f'isem PFB Co Ltd (fol. 18), fejn sejhilhom sabiex ihallsu d-dejn. Ittri li jikkwalifikaw ukoll bhala *"nota ta' talba ghall-hlas"* (Art. 59(2) tal-Kap. 406).

Kien biss fil-mori ta' dawn il-proceduri li Emanuel Palmier gie notifikat b'talba ta' hlas. Fil-fatt id-Dipartiment tal-VAT baghat ittra lil Palmier fejn talbu l-hlas ta' €260,421.18 (fol. 48). Mal-ittra kien hemm annessa dikjarazzjoni tal-kont tal-persuna registrata, li f'dan il-kaz hi PFB Company Limited. Palmier m'huwiex il-persuna registrata, izda huwa d-direttur tal-kumpannija. Ghalhekk japplika l-Artikolu 66 tal-Kap 406, fis-sens li hu obbligat *in solidum* mal-kumpannija ghall-hlas tat-taxxa. Jirrizulta wkoll li Palmier, flimkien mal-kumpannija, ippropona appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva (ara nota tal-4 ta' Marzu 2013 a fol. 42). Iqumu d-domandi setax isir appell mill-kumpannija rikorrenti minhabba li ma appellatx fiz-zmien stipulat mil-ligi wara li nhargu l-istimi ta' VAT, u jekk Emanuel Palmier ghandux *locus standi* li jappella gialadarba m'huwiex il-persuna registrata, izda dawn huma materji li jridu jigu ndirizzati quddiem it-Tribunal.

Il-qorti tikkonkludi li:-

1. Jidher li fil-konfront tal-kumpannija PFB Company, gialadarba ma appellatx mill-istima tal-intimat, il-hlas dovut bhala VAT hu dak dikjarat fl-istimi li nhargu fis-16 ta' Dicembru 2010 (fol. 26-29).
2. Fil-konfront ta' Emanuel Palmier, kien biss fil-mori ta' dawn il-proceduri li gie sodisfatt dak li jipprovdi l-Artikolu 59. Ghalhekk fil-kors tal-proceduri sehh fatt li l-qorti trid tiehu konjizzjoni tieghu, u dan b'applikazzjoni wkoll tal-principju *jus superveniens*.
3. Fil-fatt id-Dipartiment baghat ittra lilu personalment fejn talbu l-hlas tas-somma ta' €260,421.18 u anness kien hemm id-Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Registrata (fol. 48-49). Ghalkemm l-avviz hu fih innifsu xiehda li l-ammont ta' taxxa hi dovuta (Art. 59(1) tal-Kap. 406), pero dan *"kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna"*. Ghalhekk hu evidenti li l-avviz m'huwiex prova *jure et de jure*.
4. Fil-konfront ta' Emanuel Palmier l-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru 2012 ma tistax ikollha l-effett prospettat fl-Artikolu 59(2) tal-Kap. 406, gialadarba meta gie prezentata kien ghadu ma giex notifikat b'nota ta' talba ghall-hlas.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi r-rikors prezentat fis-16 ta' Novembru 2012 billi –**

1. **Tichad it-talba tar-rikorrenti li ma nghatawx avviz fit-termini tal-Artikolu 59(1) tal-Kap. 406.**
2. **Tichad it-talba li l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Novembru 2012 m’hijiex valida fil-konfront tal-kumpannija rikorrenti.**
3. **Tiddikjara li fil-konfront tar-rikorrent Emanuel sive Noel Palmier, l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Novembru 2012 m’hijiex valida ghal finijiet tal-Artikolu 59(2) tal-Kap. 406 gialadarba meta giet prezentata kien ghadu ma giex notifikat b’nota ta’ talba ghall-hlas.**

**Spejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------